II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2222

tat-30 ta' Settembru 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dettaljati dwar l-operat tar-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 39(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/818, flimkien mar-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi qafas li jiżgura l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri, il-viża, il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni.

(2) Dak il-qafas jinkludi għadd ta' komponenti u għodod li jappoġġaw l-interoperabbiltà, inkluż repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika ("ir-repożitorju ċentrali"). Ir-repożitorju ċentrali jaħżen *data* anonimizzata estratta mis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE sottostanti, mis-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku, mir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità u mid-detettur ta' identità multipla, biex jiġi pprovdut rapportar statistiku bejn is-sistemi għal finijiet ta' politika, operazzjonali u ta' kwalità tad-*data*.

(3) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA") hija responsabbli għall-istabbiliment, għall-implimentazzjoni u għall-ospitar tar-repożitorju ċentrali u għat-tmexxija operattiva tiegħu.

(4) Sabiex ir-repożitorju ċentrali jkun jista' jipprovdi *data* statistika bejn is-sistemi huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar it-tħaddim tiegħu, inklużi standards speċifiċi għall-ipproċessar ta' *data* personali u regoli ta' sigurtà.

(5) Sabiex ikun impossibbli li jiġu identifikati individwi mid-*data* statistika fir-repożitorju ċentrali, jenħtieġ li eu-LISA tiżviluppa għodda ta' anonimizzazzjoni tad-*data* bħala parti mill-arkitettura tagħha. Jenħtieġ li l-proċess tal-anonimizzazzjoni jkun awtomatizzat.

(6) Jenħtieġ li l-aċċess ikkontrollat u sigur jingħata biss lill-persunal awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti, tal-istituzzjonijiet u tal-aġenziji tal-Unjoni, sabiex ikun jista' jikkonsulta d-*data* u l-istatistika fir-repożitorju ċentrali. Għal dak il-għan, jenħtieġ li eu-LISA tiżviluppa għodda ta' rapportar bħala parti mill-arkitettura tagħha. Il-persunal ta' eu-LISA jenħtieġ li ma jkollux aċċess dirett għal kwalunkwe *data* personali maħżuna fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE jew fil-komponenti tal-interoperabbiltà.

(7) Sabiex tinżamm traċċa tat-tqabbil trasversali tal-fajls tal-identità fis-sistemi ta' informazzjoni korrispondenti tal-UE jew bejniethom għal finijiet ta' statistika rilevanti, jenħtieġ li r-repożitorju ċentrali jżomm numru ta' referenza uniku. Jenħtieġ li ma jkunx possibbli li jintuża dak in-numru biex tinkiseb informazzjoni mill-fajls tal-identità.

([1]) ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

(8) Is-soluzzjoni teknika li tospita r-repożitorju ċentrali jenħtieġ li tiġi implimentata fis-sit tekniku ta' eu-LISA u fis-sit ta' backup biex tkun żgurata d-disponibbiltà l-ħin kollu.

(9) Billi r-Regolament (UE) 2019/818 jibni fuq l-acquis ta' Schengen, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka nnotifikat l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/818 fid-dritt nazzjonali tagħha. Għalhekk hija marbuta b'dan ir-Regolament.

(10) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom ([3]). Għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(11) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([4]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([5]).

(12) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([6]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([7]).

(13) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([8]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([9]).

(14) Fir-rigward ta' Ċipru, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen, jew huwa marbut miegħu mod ieħor, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003, l-Artikolu 4(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005 u l-Artikolu 4(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2011.

([3]) Dan ir-Regolament ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

([4]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

([6]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

([8]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

(15) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) u ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ġunju 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "*data* statistika" tfisser *data* li hija anonimizzata u użata biss għall-fini tal-produzzjoni ta' rapporti statistiċi skont ir-Regolament (UE) 2017/2226 ([11]), ir-Regolament (UE) 2018/1240 ([12]), ir-Regolament (UE) 2018/1860 ([13]), ir-Regolament (UE) 2018/1861 ([14]), ir-Regolament (UE) 2018/1862 ([15]) u r-Regolament (UE) 2019/816 ([16]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(2) "rapporti (statistiċi)" tfisser ġabra organizzata ta' *data* statistika, prodotta mir-repożitorju ċentrali b'mod awtomatizzat skont ġabra ta' regoli stabbiliti minn qabel u maħżuna fir-repożitorju ċentrali;

(3) "rapporti personalizzabbli" tfisser rapporti statistiċi li jiġu estratti abbażi ta' *data* statistika inkluża fir-repożitorju ċentrali f'konformità mar-regoli speċifiċi ddeterminati *ad hoc* minn utent u maħżuna fir-repożitorju ċentrali;

(4) "*data* kritika dwar l-identità" tfisser kwalunkwe *data* minn dawn li ġejjin jew kombinazzjoni tagħhom, li bihom jistgħu jiġu identifikati individwi:

(a) l-isem, l-ewwel isem, kunjom, isem tal-familja, ismijiet mogħtija, psewdonimu ta' kwalunkwe persuna li d-*data* tagħha tista' tkun maħżuna fis-sistema ta' informazzjoni tal-UE;

(b) in-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar;

(c) l-indirizz (isem tat-triq, in-numru tad-dar);

(d) it-telefon, l-indirizz IP;

(e) l-indirizzi tal-posta elettronika;

(f) *data* bijometrika.

([10]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([11]) Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata *data* dwar id-dħul u l-ħruġ u *data* dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

([12]) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

([13]) Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).

([15]) Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

([16]) Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1).

Artikolu 2

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-repożitorju ċentrali

1. Id-*data* msemmija fl-Artikolu 39(2) tar-Regolament (UE) 2019/818 għandha tkun disponibbli u maħżuna fir-repożitorju ċentrali f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Ir-repożitorju ċentrali għandu jkun fih *data* statistika, inklużi rapporti dwar l-użu tas-sistema għall-finijiet ta' monitoraġġ tal-funzjonament tal-komponenti tal-interoperabbiltà msemmija fl-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2019/818.

3. Ir-repożitorju ċentrali għandu jkun fih rapporti tekniċi biex jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-iżvilupp u l-funzjonament tal-komponenti tal-interoperabbiltà minn eu-LISA f'konformità mal-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) 2019/818.

4. Ir-repożitorju ċentrali għandu jżomm numru ta' referenza uniku li jippermetti l-intraċċar tat-tqabbil trasversali tal-fajls tal-identità fis-sistemi ta' informazzjoni korrispondenti tal-UE jew bejniethom għal finijiet ta' statistika. Ma għandux ikun possibbli li jintuża dak in-numru ta' referenza biex tinkiseb informazzjoni mill-fajls tal-identità sottostanti.

5. Ir-repożitorju ċentrali għandu jippermetti lill-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 39(2) tar-Regolament (UE) 2019/818 jikseb dan li ġej:

(a) rapporti skont l-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1862, li jkun fihom l-istatistika li ġejja dwar ir-rekords miżmuma fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen:

   (i) statistika ta' kuljum, ta' kull xahar u annwali li turi l-għadd ta' rekords għal kull kategorija ta' twissijiet, kemm għal kull Stat Membru kif ukoll bħala aggregat, skont l-Artikolu 74(3) ta' dak ir-Regolament;

   (ii) rapporti annwali dwar l-għadd ta' riżultati għal kull kategorija ta' twissijiet, kemm-il darba sar tiftix fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u kemm-il darba ġiet aċċessata għall-fini li tiddaħħal, tiġi aġġornata jew titħassar twissija, kemm għal kull Stat Membru kif ukoll b'mod aggregat, skont l-Artikolu 74(3) ta' dak ir-Regolament;

   (iii) wara talba tal-Kummissjoni, rapporti statistiċi speċifiċi addizzjonali, kemm fuq bażi regolari jew *ad hoc*, dwar il-prestazzjoni u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u dwar l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, skont l-Artikolu 74(6), it-tieni subparagrafu ta' dak ir-Regolament;

   (iv) wara talba tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, rapporti statistiċi speċifiċi addizzjonali, jew fuq bażi regolari jew *ad hoc*, biex issir analiżi tar-riskju u valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà, skont l-Artikolu 74(6), it-tielet subparagrafu ta' dak ir-Regolament;

   (v) rapporti u statistika għall-finijiet tal-manutenzjoni teknika, ir-rapportar, ir-rapportar dwar il-kwalità tad-*data* u l-istatistika skont l-Artikolu 74(2) ta' dak ir-Regolament;

   (vi) rapporti dwar il-kwalità tad-*data* skont l-Artikolu 15(4) ta' dak ir-Regolament.

(b) rapporti skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/816, li jkun fihom l-istatistika li ġejja dwar ir-rekords miżmuma fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (European Criminal Records Information System for third-country nationals, ECRIS-TCN) u l-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS:

   (i) rapporti u statistika personalizzabbli relatati mal-irrekordjar, mal-ħżin u mal-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali permezz tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi;

   (ii) rapporti u statistika għall-finijiet tal-manutenzjoni teknika, ir-rapportar dwar il-kwalità tad-*data* u l-istatistika skont l-Artikolu 32(3) ta' dak ir-Regolament.

6. Ir-rapporti tekniċi msemmija fil-paragrafu 2 għandu jkun fihom statistika dwar l-użu tas-sistema, id-disponibbiltà, l-inċidenti, il-kapaċità tal-prestazzjoni, l-akkuratezza bijometrika, il-kwalità tad-*data* u, jekk applikabbli, it-tranżazzjonijiet pendenti.

7. L-utent għandu jkun jista' jippersonalizza r-rapporti tal-attività prodotti mir-repożitorju ċentrali biex tkun possibbli l-filtrazzjoni jew ir-raggruppament tad-*data* permezz ta' għodda ta' rappurtar li tkun disponibbli flimkien mar-repożitorju ċentrali.

8. Għandu jkun disponibbli katalgu ta' rapporti. It-talbiet għal rapporti ġodda jew bidliet għal dawk eżistenti għandhom isegwu l-politika ta' ġestjoni tat-tibdil ta' eu-LISA.

Artikolu 3

Repożitorju tad-data u għodda ta' rapportar

1. Ir-repożitorju ċentrali għandu juża soluzzjoni teknika li tospita d-*data* estratta mis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE sottostanti u mill-komponenti tal-interoperabbiltà.

2. Is-soluzzjoni teknika għandu jkun fiha għodda ta' rappurtar ikkonfigurata biex toħloq, tikkonserva u teżegwixxi r-rapporti u r-rapporti personalizzabbli msemmija fl-Artikolu 2.

3. L-għodda ta' rapportar għandha tippermetti l-ġenerazzjoni ta' rapporti tal-attività u rapporti tekniċi, u l-irkupru tagħhom mill-utent.

4. L-għodda ta' rapportar għandha tippermetti l-forniment ta' *data* statistika bejn is-sistemi u rapportar analitiku għal finijiet ta' politika, operazzjonali u ta' kwalità tad-*data*, fejn previst mil-liġi tal-Unjoni.

5. Ir-rapporti kollha għandhom jiġu ġestiti fi ħdan is-soluzzjoni teknika. Il-miżuri xierqa ta' sigurtà u integrità għandhom jiġu implimentati fis-soluzzjoni teknika biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-pjan ta' sigurtà previst fl-Artikolu 42(3) tar-Regolament (UE) 2019/818.

6. Is-soluzzjoni teknika għandha tkun implimentata fis-sit tekniku ta' eu-LISA u fis-sit ta' backup.

Artikolu 4

Estrazzjoni tad-data

Ir-repożitorju ċentrali għandu jikseb kopji li jinqraw biss, mis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, tad-*data* msemmija fl-Artikolu 39(2) u fl-Artikolu 62(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/818 għall-produzzjoni tal-istatistika u r-rapporti msemmija fl-Artikoli 39 u 62 ta' dak ir-Regolament. Id-*data* għandha tinkiseb fuq bażi regolari u mill-inqas kuljum, permezz ta' estrazzjoni unidirezzjonali.

Artikolu 5

Għodda għall-anonimizzazzjoni tad-data

1. Id-*data* estratta mis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE sottostanti u mill-komponenti tal-interoperabbiltà għandha tiġi anonimizzata bl-użu ta' għodda għall-anonimizzazzjoni tad-*data*. Fir-repożitorju ċentrali għandha tinħażen biss *data* anonimizzata.

2. L-għodda għall-anonimizzazzjoni tad-*data* għandha tidentifika *data* kritika dwar l-identità fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u għandha tanonimizzaha permezz ta' proċess awtomatizzat qabel ma d-*data* statistika tinħażen fir-repożitorju ċentrali. Il-proċess tal-anonimizzazzjoni għandu jkun irreversibbli.

Artikolu 6

Aċċess

1. L-aċċess ta' persunal debitament awtorizzat għar-repożitorju ċentrali għandu jingħata u jiġi ġestit f'konformità mal-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1862 u mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/816.

2. Ir-repożitorju ċentrali għandu jkun aċċessibbli mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni u mill-aġenziji tal-Unjoni, f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, permezz ta' konnessjoni sigura tan-network (TESTA).

3. Il-persunal debitament awtorizzat biss tal-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 39(2) u mal-Artikolu 62(1) sa (5) tar-Regolament (UE) 2019/818 għandu jingħata aċċess għall-għodda msemmija fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċessaw ir-repożitorju ċentrali permezz ta' profili tal-utenti. eu-LISA għandha żżomm lista tal-profili tal-utenti. Awtorità waħda jista' jkollha diversi profili, skont id-drittijiet ta' aċċess tagħha.

5. L-aċċess għar-repożitorju ċentrali għandu jiġi rreġistrat. L-informazzjoni li tiġi rreġistrata għandu jkun fiha mill-inqas:

(a) il-kronogramma;

(b) l-awtorità;

(c) it-tip ta' rapport ikkonċernat.

6. Il-logs li jippermettu l-identifikazzjoni tal-utenti li jaċċessaw ir-repożitorju ċentrali għandhom jinżammu fil-livell nazzjonali u mill-Kummissjoni, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u mill-Europol. eu-LISA għandha żżomm logs tal-operazzjonijiet kollha ta' aċċess. Il-logs għandhom jinħażnu fir-repożitorju ċentrali għal sena, u wara dan għandhom jitħassru awtomatikament.

7. Kwalunkwe rwol konfliġġenti fir-repożitorju ċentrali għandu jiġi identifikat u l-aċċess għandu jingħata f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

(a) "ħtieġa ta' tagħrif";

(b) aċċess bi privileġġ minimu;

(c) segregazzjoni tal-funzjonijiet.

8. Ir-rapporti dwar il-kwalità tad-*data* maħruġa skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2018/1862 għandhom jinkludu għodda għall-Istati Membri biex jipprovdu feedback lil eu-LISA dwar il-korrezzjoni tal-kwistjonijiet li tfaċċaw.

Artikolu 7

Proċessur tad-data

Għall-fini tal-anonimizzazzjoni tad-*data* personali skont l-Artikolu 5, eu-LISA għandha tkun il-proċessur tad-*data* skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (12) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 8

Aspetti oħra tal-protezzjoni tad-data u tas-sigurtà

1. Id-*data* maħżuna fir-repożitorju ċentrali għandha tiġi kkonsultata biss għall-fini ta' rapportar u ta' statistika.

2. eu-LISA għandha timplimenta l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa biex tiżgura l-integrità tad-*data* fir-repożitorju ċentrali. Kwalunkwe bidla fid-*data* għandha tkun traċċabbli għall-finijiet ta' awditjar.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN